MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Numru 692/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**JUSTIN POLIDANO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Justin Polidano 22 sena bin Joseph u Benedicta nee' Debono mwieled fil-Pieta' fit-28 ta' Frar, 1985 u li joqghod Blokk 4, Flat 3, Triq il-Fieres Kirkop. Detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 177285(m).

**Gie akkuzat talli:** fit-12 ta' Settembru, 2006 ghall-habta tas-7.15 ta' filghodu mill-fond bin-numru 206 sitwat fi Triq il-Kbira Mellieha, flimkien ma' persuni ohra mhux

maghrufa, ikkommetta serq ta’ flus kontanti u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Salvatore Bartolo li huwa anzjan ta’ 74 sena u/jew persuni ohra. Liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u bil-lok.

Fl-istess data u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mil-kazijiet li fihom il-ligi taghati s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Salvatore Bartolo kontra l-volonta’ tieghu.

Fl-istess data u cirkostanzi, uza vjolenza u theddid bil-fomm sabiex igieghel lill-imsemmi Salvatore Bartolo jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ l-istess Salvatore Bartolo u/jew persuni ohra. Liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix-il hames mitt lira Maltin (Lm500).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess data u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqu b’sentenza datata 5 ta’ Gunju 2006 mghotija mill-Magistrat Dott. Anthony Vella LL.D. u

Finalment talli sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju datata 1 ta' Ottubru, 2008 (Ara fol. 68 tal-Process) u nnutat li l-imputat Justin Polidano m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Magri ddikjara li ghadu kif gie nfurmat mill-imputat illi ser jammetti numru ta' akkuzi migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-hames akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija hames akkuza migjuba kontra l-imputat Justin Polidano. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur, inkwantu ghas-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ksur ta' Probation moghtija a tenur tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'Sentenza datata 5 ta' Gunju, 2006 mill-Magistrat Dr Anthony Vella LL.D., iddikjara li diga' gie provdut ghal tali ksur f'kawza ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament presjeduta mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D. fis-7 ta' Mejju, 2010 u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Justin Polidano.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv il-hames akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv il-hames akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 17, 31, 261(a), (b), (c) u (e), 262, 263, 267, 269, 275, 276A, 277, 278, 279, 86, 87, 251, 325, 49, 50 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Justin Polidano, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha salv il-hames akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-istess imputat Justin Polidano ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) u sitt (6) xhur prigunerija.

Fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza rigward il-hames akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Justin Polidano, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija hames akkuza u sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Justin Polidano.

Finalment il-Qorti tordna lill-imputat Justin Polidano sabiex fi zmien sena millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta’ tmien mija u erbgha u erbghin Euro u disgha u erbghin centezmi ta’ Euro (Euro 844.49) rappresentatni spejjes inkorsi bin-nomina ta’ esperti fl-Inkjesta li Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok RB 1.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------